**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 25 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 427/2017 PM1**

**Godwin Gatt (465166(M)) li jiggestixxi n-negozju fl-isem Shopline Marketing**

**Vs**

**Pendry Lee (ID 262800(L))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Settembru, 2017 illi l-konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin euro u erbgha u tmenin centezmi (€124.84) rapprezentanti prezz ghall-bejgh ta' merkanzija kkonsenjata lill-istess intimata fuq inkarigu taghha stess kif indikata fl-invoice annessa mal-avviz (Dok. GG1) u kwindi talab li t-Tribunal jiddeciedi u jiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tieghu fl-ammont imsemmi ta' mija u erbgha u ghoxrin euro u erbgha u tmenin centezmi (€124.84) u jordna lill-konvenuta thallas lill-attur l-ammont imsemmi bl-imghaxijiet mid-data ta' hrug tal-invoice, oltre l-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjez.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-20 t'Ottubru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-affidavit tal-attur prezentat waqt is-seduta tal-20 t' Ottubru, 2017 permezz ta' liema essenzjalment ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimata in rapprezentanza ta' prezz ta' merkanzija li giet mghoddija lilha b'xoghol u fuq inkarigu taghha stess fil-hanut taghha 'Belle Ville'.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-20 t'Ottubru, 2017 u fil-fatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz illi l-ammont mitlub jirriferi ghall-merce mibjugha mill-attur lill-intimata ghal skop kummercjali u kwindi sabiex tali merce terga' tinbiegh mill-hanut taghha.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess attur is-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin euro u erbgha u tmenin centezmi (€124.84) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata mill-istess attur fuq inkarigu taghha stess bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-invoice relattiva ossija 18 t'April, 2017 kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**